22002D0089

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 89/2002

tal-25 ta' Ġunju 2002

li temenda l-Anness XVIII (Saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġi tax-xogħol, u trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XVIII tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 58/2002 tal-31 ta' Mejju 2002 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-Istatut għal kumpanija Ewropea fir-rigward ta' l-involviment ta' impjegati ([2]),

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 32d (id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE) ta' l-Anness XVIII tal-Ftehim:

"32e. **32001 L 0086**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-Istatut għal kumpanija Ewropea fir-rigward ta' l-involviment ta' impjegati (ĠU L 294, tal-11.10.2001, p. 22)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2001/86/KE fl-ilsna ta' l-Islanda u n-Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-26 ta' Ġunju 2002, prevista li n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 238, tal-5.9.2002, p. 22.
([2]) ĠU L 294, tal-11.10.2001, p. 22.
(*) Ħtiġijiet kostituzzjonali indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-, u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-, *Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, 25 Ġunju 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND